Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,009, 16 ta' Settembru, 1994
Taqsima B

A.L. 116 ta' l-1994

ATT TA' L-1994 DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (ATT NRU. XIV TA' L-1994)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi stabbilixxa d-19 ta' Settembru, 1994 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 2 u 31 ta' l-imsemmi Att għandhom jibdew iseħħu, u t-23 ta' Settembru, 1994 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' l-istess Att, ħlief għall-artikoli 11 u 32 ta' l-Att, għandhom jibdew iseħħu.